

31995R2417

14.10.1995

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 248/39

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (EEC) Nru 2417/95

tat-13 ta' Ottubru 1995

li jaġġorna u jemenda ir-Regolamenti fis-settur taċ-ċanga li jfissaw qabel l-1 ta' Frar 1995 ċerti prezzijiet u ammonti li l-valuri tagħhom ikunu ġew aġġustati minħabba l-abolizzjoni tal-fattur korrettiv fir-rati ta' konverżjoni agrikoli

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (EEC) Nru 3813/92 tat-28 ta' Diċembru 1992 dwar l-unità ta' kont u r-rati ta' konverżjoni li għandhom jiġu applikati għall-għanijiet tal-politika komuni agrikola ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (EC) Nru 150/95 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (EEC) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella ⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (EEC) Nru 424/95 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(3) tiegħu

Billi b'effett mill-1 ta' Frar 1995, l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (EEC) Nru 3813/92 jibdel il-valuri f'ecus ta' ċerti prezzijiet u ammonti biex jinnewtralizza l-effetti ta' l-abolizzjoni tal-fattur korrettiv ta' 1,207509 li sal-31 ta' Jannar 1995 laqat ir-rati ta' konverżjoni wżati għall-agrikoltura;

Billi l-valuri l-ġodda tal-prezzijiet u l-ammonti konċernati ġew stabbiliti sa' mill-1 ta' Frar 1995 skond ir-Regoli mniżżla fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (EEC) Nru 3813/92 u l-Artikolu 18(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (EEC) Nru 1068/93 tat-30 ta' April 1993 li jitratta dwar regoli dettaljati għad-determinazzjoni u l-applikazzjoni tar-rati ta' konverżjoni agrikoli ⁽⁵⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (EC) Nru 1053/95 ⁽⁶⁾;

Billi, skond l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (EEC) Nru 1068/93 biex tiġi evitata l-konfuzzjoni u tiġi faċilitata l-applikazzjoni tal-politika komuni agrikola, huwa meħtieġ li jinbidlu l-valuri f'ecus tal-prezzijiet u ammonti konċernati li ma jsirux b'applikazzjoni perjodika, u fejn huma applikabbli ta' l-anqas mill-:

- 1 ta' Jannar 1996 dwar l-ammonti mhux konċernati b'sena tas-suq,
- il-bidu tas-sena tas-suq 1996 fil-każ ta' prezzijiet jew ammonti li dwarhom is-sena tas-suq tibda f'Jannar 1996,
- fil-bidu tas-sena tas-suq 1995/96 fil-każijiet l-oħra,

li jidhru fir-Regolamenti li ġew fis-seħħ qabel l-1 ta' Frar 1995; billi r-Regolamenti in kwistjoni għandhom għalhekk jiġu emendati;

Billi għall-finijiet tal-kjarezza il-vauri ġodda f'ecus dwar is-sigurtajiet meħtieġa taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (EEC) Nru 2182/77 ⁽⁷⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (EEC) Nru 1759/93 ⁽⁸⁾, ir-Regolament (EEC) Nru 2173/79 ⁽⁹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (EEC) Nru 1759/93, ir-Regolament (EEC) Nru 985/81 ⁽¹⁰⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (EEC) Nru 1759/93, ir-Regolament (EEC) Nru 2539/84 ⁽¹¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (EEC) Nru 1759/93, ir-Regolament (EEC) Nru 2456/93 ⁽¹²⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (EC) Nru 1999/95 ⁽¹³⁾, għandhom jiġu kkompletati sa l-eqreb numru sħiħ;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' ġestjoni taċ-ċanga u l-Vitella,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Bħala konsegwenza ta' l-aġġustament ta' ċerti prezzijiet u ammonti f'ecus fis-settur taċ-ċanga li jidhru fis-seħħ b'effett mill-1 ta' Frar 1995, skond l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (EEC) Nru 3813/92 u ta' l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (EEC) Nru 1068/93, il-liġijiet li għalihom jirreferi l-Artikolu 2 għandhom jiġu emendati kif imniżżel f'dan l-Artikolu.

L-Artikolu 2

1. Ir-Regolament (EEC) Nru 805/68 huwa emendat kif ġej:
 - (a) it-tielet inċiż ta' l-Artikolu 4b (6) huwa mibdul b'dan li ġej:

“— ECU 90 għas-sena kalendarja 1995,

— ECU 108,7 għas-sena kalendarja 1996 u wara.”;

⁽¹⁾ ĠU L 387, tal-31.12.1992, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 22, tal-31.1.1995, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 24.

⁽⁴⁾ ĠU L 45, ta' l-1.3.1995, p. 2.

⁽⁵⁾ ĠU L 108, ta' l-1.5.1993, p. 106.

⁽⁶⁾ ĠU L 107, tat-12.5.1995, p. 4.

⁽⁷⁾ ĠU L 251, ta' l-1.10.1977, p. 60.

⁽⁸⁾ ĠU L 161, tat-2.7.1993, p. 59.

⁽⁹⁾ ĠU L 251, tal-5.10.1979, p. 12.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 99, ta' l-10.4.1981, p. 38.

⁽¹¹⁾ ĠU L 238, tas-6.9.1984, p. 13.

⁽¹²⁾ ĠU L 225, ta' l-4.9.1993, p. 4.

⁽¹³⁾ ĠU L 195, tat-18.8.1995, p. 6.

- (b) fl-Artikolu 4c (2):
- l-ammont ta' "ECU 60" għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' "ECU 72,45",
 - l-ammont ta' "ECU 45" għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' "ECU 54,34",
 - l-ammont ta' "ECU 30" għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' "ECU 36,23",
 - l-ammont ta' "ECU 15" għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' "ECU 18,11",
- (ċ) fl-Artikolu 4d (7):
- fl-ewwel subparagrafu, it-tielet inċiż huwa mibdul b'dan li ġej:
 - "ECU 120 għas-sena kalendarja 1995,
 - ECU 144,9 għas-sena kalendarja 1996 u wara.",
 - fit-tielet subparagrafu, l-ammont ta' "ECU 25" għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' "ECU 30,19",
 - fir-raba' subparagrafu, l-ammont ta' "ECU 20" għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' "ECU 24,15",
- (d) fl-Artikolu 4(h) (1) l-ammont ta' "ECU 30" għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' "ECU 36,23",
- (e) fl-Artikolu 4(i) (2) l-ammont ta' "ECU 100" għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' "ECU 120,8",
2. Fir-Regolament (EEC) Nru 2182/77, fl-Artikolu 5(3), fis-subparagrafu (a) l-ammont ta' "ECU 25" għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' "ECU 30" u fis-subparagrafu (b), l-ammont ta' "ECU 2,5" għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' "ECU 3".
3. Fir-Regolament (EEC) Nru 2173/79, fl-Artikolu 15, l-ammont ta' "ECU 50" għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' "ECU 60",
4. Fir-Regolament tal-Kummissjoni (EEC) Nru 985/81, fl-Artikolu 3(5), fis-subparagrafu (a), l-ammont ta' "ECU 25" għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' "ECU 30" u fis-subparagrafu (b), l-ammont ta' "ECU 2,5" għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' "ECU 3".
5. Fir-Regolament (EEC) Nru 2539/84;
- (a) fl-Artikolu 5(2)(d), fil-punt (1), l-ammont ta' "ECU 25" għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' "ECU 30" u fil-punt (2), l-ammont ta' "ECU 2,5" għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' "ECU 3", u
- (b) fl-Artikolu 5(3)(e), fil-punt (1), l-ammont ta' "ECU 25" għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' "ECU 30" u fil-punt (2), l-ammont ta' "ECU 2,5" għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' "ECU 3".
6. Fir-Regolament tal-Kunsill (EEC) Nru 3763/91 ⁽¹⁾, fl-Artikolu 5, l-ammont ta' "ECU 40" għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' "ECU 48,30" kull darba li jidher.
7. Fir-Regolament tal-Kunsill (EEC) Nru 1600/92 ⁽²⁾, fl-Artikolu 14(2) u (3) u l-Artikolu 24(2) u (3), l-ammont ta' "ECU 40" għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' "ECU 48,30".
8. Fir-Regolament tal-Kunsill (EEC) Nru 1601/92 ⁽³⁾, fl-Artikolu 10(2) u (3) l-ammont ta' "ECU 40" għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' "ECU 48,30".
9. Fir-Regolament tal-Kunsill (EEC) Nru 747/93 ⁽⁴⁾, fl-Artikolu 1(2), l-ammont ta' "ECU 130" għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' "ECU 157,0" kull darba li jidher.
10. Fir-Regolament tal-Kunsill (EEC) Nru 2019/93 ⁽⁵⁾, fl-Artikolu 6(1), l-ammont ta' "ECU 40" għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' "ECU 48,30" kull darba li jidher.
11. Fir-Regolament (EEC) Nru 2456/93:
- (a) fl-Artikolu 12(1), l-ammont ta' "ECU 30" għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' "ECU 36", u
- (b) (b) fl-Artikolu 14(1), l-ammont ta' "ECU 8" għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' "ECU 10" u l-ammont ta' "ECU 5" għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' "ECU 6".
12. Fir-Regolament tal-Kummissjoni (EEC) Nru 456/94 ⁽⁶⁾, fl-Artikolu 1, it-tieni inċiż, l-ammont ta' "ECU 287,78" għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' "ECU 347,50".

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidher fis-seħħ fis-seba' jum li jiġi wara l-jum li fih jiġi ppublikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Iżda, l-Artikoli 2(1), (6), (7), (8), (9) u (10) għandhom ikollhom effett mid-data li fiha rata ta' konverżjoni agrikola ffissata fl-1 ta' Frar 1995 jew wara tiġi applikata għall-ewwel darba.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-13 ta' Ottubru 1995.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 356, ta' 1-24.12.1991, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 173, tas-27.6.1992, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 173, tas-27.6.1992, p. 13.

⁽⁴⁾ ĠU L 77, tal-31. 3, 1993, p. 15.

⁽⁵⁾ ĠU L 184, tas-27.7.1993, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 57, ta' 1-1.3.1994, p. 50.